

*Nixtieq inkun naf jekk Luteru kellux raġun meta ħadha kontra l-Papa ta' dak iż-żmien meta d-Dumnikan Joannes Tetzel beda jbiegħ l-indulġenzi u l-flus spiċċaw il-Vatikan*
(Mario Doublesin, Tas-Sliema)

# Luteru kellu raġun?

Nibda billi ngħid li ż-żmien li qed nitkellmu dwaru ma kienx żmien faċli fil-ħajja tal-Knisja. Kien perijodu meta l-Knisja kienet għaddejja minn ċerta dekadenza f'għadd mhux żgħir ta' wħud mill-membri tagħha li kienu f'pożizzjonijiet ta' awtorità.

Il-mistoqsija tal-qarrej teħodna lura għall-bidu tas-seklu 16 u ssemmi lill-patri Dumnikan Ġermaniż, Joannes Tetzel (c.1465-1519). Dan kien qed jippriedka l-indulġenzi. X'jiġifieri?

Tetzel kien jivvjaġġa minn post għall-ieħor fil-Ġermanja u bejn l-1503 u l-1510 kien diġà ppriedka l-indulġenzi f'għaxart ibliet differenti. Kien jitlob lin-nies jagħtu donazzjonijiet għall-bini mill-ġdid tal-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma biex, filwaqt li jagħmlu dan, jirbħu l-indulġenzi.

L-indulġenzi jikkonsistu fil-maħfra ta' dawk il-pieni marbutin ma' l-effetti ta' dnubiet li jkunu diġà nħafru fis-sagrament tal-Qrar. Il-maħfra tal-pieni permezz ta' l-indulġenzi ġejja mit-teżor tal-merti infiniti ta' Kristu, miksubin fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

Sfortunatament Tetzel baqa' magħruf minħabba din il-konnessjoni tiegħu ma' l-indulġenzi: konnessjoni li swiet ta' okkażjoni – għalkemm ma kinitx il-kaġun veru – għal Luteru biex jiċħad din id-duttrina tal-Knisja.

Li ġara kien li fl-1517, Tetzel kien qed jippriedka l-indulġenzi f'post li ma kienx 'il bogħod mit-territorju li kien jaqa' taħt Federiku ta' Sassonja. Għandna nkunu nafu li ma kienx hemm permess li wieħed jippriedka l-indulġenzi fit-territorju li kien jagħmel ma' Federiku. Luteru kien diġà ostili lejn Federiku peress li dan kien qed jagħmel kummerċ mill-indulġenzi. Hemm dokumentazzjoni li tgħid li wieħed seta' jirbaħ indulġenza ta' 129,799 sena kieku kellu jivvenera l-kollezzjoni kbira ta' relikwi li kellu Federiku!

Barra dan, Luteru sema' x'kien qed jgħid Tetzel u l-metodi li kien qed juża biex jintrebħu l-indulġenzi. Dan wassal lil Luteru biex jipprotesta bil-qawwi billi nhar il-31 ta' Ottubru 1517 waħħal lista ta' ħamsa u disgħin punt kontra l-indulġenzi mal-bieb tal-knisja ta' Wittenberg.

Għalkemm ma' l-ewwel daqqa ta' għajn ħafna kotba ta' l-istorja jgħidu li Luteru kellu raġun għax ikkundanna l-bejgħ ta' l-indulġenzi, ma għandniex ngħaġġlu nagħmlu ġudizzju kontra Tetzel.

Illum nafu li saru ħafna kalunnji kontra Tetzel, fosthom li kien jagħti l-assoluzzjoni mingħajr indiema, anki għal dnubiet futuri! Illum nafu li Tetzel kien korrett fl-għoti ta' l-indulġenzi lill-ħajjin. Kien fir-rigward tar-rebħ ta' l-indulġenzi għall-mejtin li hemm x'tikkritika peress li Tetzel mexa skond pożizzjoni li xi snin wara kienet ikkundannata minn Ruma stess, mit-teologu magħruf Caietanus.

Li rridu ngħidu huwa li Luteru irreaġixxa bil-goff kemm kontra Tetzel, kif ukoll kontra Federiku ta' Sassonja. Kieku Luteru kkritika s-sistema bil-kalma u ma ppreċipitax is-sitwazzjoni ma kienx jasal għall-pożizzjonijiet drastiċi li ħa. Kieku ħadem għal riforma billi baqa' fi ħdan il-Knisja, kien ikun riformatur – bħal oħrajn qablu u warajh – li jagħmel il-ġid lill-Knisja. Minflok, dak li beda f'mument ta' rabja u ta' suppervja wassal għal sensiela ta' firdiet li fnew lill-Knisja.

Manresa 2006

# *Mixja ma' 300 żgħażagħ Ewropej*

Pellegrinaġġ għall-istudenti u professjonisti żgħażagħ
(bejn is-17 u l-20 sena; bejn il-21 u l-24; bejn 25 u 30)

# Lourdes - Javier - Loyola

**Mill-31 ta' Lulju sal-15 ta' Awissu**

***Biex tgħix mixja spiritwali, tiltaqa' ma' oħrajn, titgħallem tieħu deċiżjonijiet, tgħix il-festa u l-ferħ fil-Knisja.***



## PROGRAMM

- 1-2 ta' Awwissu: jibda l-pellegrinaġġ għal Lourdes
- 2-6 ta' Awwissu: Il-pellegrinaġġ (4-5 sigħat mixi kuljum)
- 6 ta' Awissu: diversi għażliet – pellegrinaġġ jew irtir
- 7 sa 11 ta' Awissu: FORUMS (mużika u kant *jew* workshops fuq il-kitba *jew* teatru Bibbliku *jew* ħidma manwali *jew* *inputs* fuq il-ħajja affettiva) jew IRTIR b'akkumpanjament personali f'Loyola
- 12 ta' Awissu: Niġu lura flimkien mill-esperjenzi differenti (forums, irtiri, esperjenza ta' disgħat ijiem fuq id-dgħajsa) fi spirtu ta' festa.
- 13 ta' Awissu: Quddiesa f'Loyola

## GĦAŻLIET

- **Pellegrini bil-mixi:** 1-13 ta' Awissu (ara l-programm fuq: mixja u forums jew irtir)
- **Pellegrini fuq dgħajsa:** 4-13 ta' Awissu (esperjenza unika ta' 9 tijiem fuq dgħajsa)
- **Pellegrini għas-servizz:** 31 ta' Lulju-14 ta' Awissu (servizz għall-pellegrini l-oħra, fit-triq ma' l-oħrajn)

**Għal aktar informazzjoni jew ritratti ta' esperjenzi simili żur www.manresa.com**
**Biex tapplika ċempel lil Fr. Jimmy Bartolo, s.j. (2340 2341) jew lil Fr. Joseph Cassar, s.j. (2144 0325).**